II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 15/2010

tas-7 ta' Jannar 2010

li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluży

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikoluży [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-proċedura ta' kunsens informat minn qabel (il-proċedura tal-PIC) għal ċerti kimiki u pestiċidi fil-kummerċ internazzjonali, iffirmata fil-11 ta' Settembru 1998 u approvata, f'isem il-Komunità, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/106 tad-19 ta' Diċembru 2002 li tikkonċerna l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kemikali [kimiċi] u pestiċidi perikoluży fil-kummerċ internazzjonali [2].

(2) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandu jiġi emendat sabiex titqies l-azzjoni regolatorja f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti kimiki skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni [3], id-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [4] u d-Direttiva Nru 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [5].

(3) Ġie deċiż li s-sustanzi 1,3-dikloropropan, benfurakarb u trifluralin ma jkunux inklużi bħala sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li dawk is-sustanzi attivi jiġu pprojbiti għall-użu bħala pestiċidi u għalhekk għandhom jiżdiedu mal-listi ta' kimiki li hemm fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Minħabba li tressqu applikazzjonijiet ġodda li jeħtieġu deċiżjonijiet ġodda dwar l-inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, ma għandhiex tapplika ż-żieda mal-lista ta' kimiki li hemm fil-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 sakemm jittieħdu d-deċiżjonijiet il-ġodda dwar l-istatus ta' dawn il-kimiki.

(4) Ġie deċiż li s-sustanza tal-metomil ma tkunx nkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE u li ma tkunx inkluża s-sustanza tal-metomil bħala sustanza attiva fl-Anness I, IA jew IB għad-Direttiva 98/8/KE bl-effett li din is-sustanza attiva tiġi pprojbita għall-użu bħala pestiċida u għalhekk għandha tiżdied mal-listi ta' kimiki li hemm fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Minħabba li tressqet applikazzjoni ġdida li teħtieġ tittieħed deċiżjoni ġdida dwar l-inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, ma għandhiex tapplika ż-żieda mal-lista ta' kimiki li hemm fil-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 sakemm jittieħdu d-deċiżjonijiet il-ġodda dwar l-istatus ta' dawn il-kimiki.

[1] ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1.
[2] ĠU L 63, 6.3.2003, p. 27.
[3] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[4] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[5] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.

(5) Ġie deċiż li ma jkunux inklużi s-sustanzi tad-diazinon, tad-diklorvos u tal-fenitrothion bħala sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li dawk is-sustanzi attivi jiġu severament ristretti għall-użu bħala pestiċidi u b'hekk għandhom jiżdiedu mal-lista ta' kimiki li jinsabu fil-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008, minħabba li kwalunkwe użu huwa effettivament ipprojbit minkejja l-fatt li dawk is-sustanzi ġew identifikati u notifikati sabiex jiġu evalwait skont id-Direttiva 98/8/KE u għaldaqstant jistgħu jibqgħu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri sakemm tittieħed deċiżjoni skont dik id-Direttiva.

(6) Id-Direttiva 91/414/KEE tipprovdi fl-Artikolu 8(2) għal terminu ta' żmien ta' 12-il sena li matulhom l-Istati Membri jitħallew jawtorizzaw it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom ċerti sustanzi attivi. Dak il-perjodu ta' żmien ġie estiż bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2002 tal-20 ta' Novembru 2002 li jestendi t-terminu msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u dwar in-nuqqas ta' inklużjoni ta' xi sustanzi attivi fl-Anness I ta' dik id-Direttiva u l-irtirar ta' awtorizzazjonijiet ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi ([1]). Madankollu, peress li s-sustanzi attivi ażinfos-metil u vinklożolin ma kinux approvati għall-inklużjoni fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE qabel tmiem dak il-perjodu, l-Istati Membri kellhom jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet nazzjonali tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawk is-sustanzi mill-1 ta' Jannar 2007. Bħala riżultat is-sustanzi attivi ażinfos-metil u vinklożolin huma għalhekk ipprojbiti għall-użu bħala pestiċidi u għalhekk għandhom jiżdiedu mal-lista ta' kimiki li hemm fil-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(7) Ġie deċiż li l-użu tas-sustanzi tal-fenarimol, tal-metamidofos u tal-proċimidon ikun severament ristrett permezz ta' bosta miżuri fosthom li dawk is-sustanzi attivi kienu inklużi biss għall-perjodu qasir ħafna fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Wara t-tmiem ta' dan il-perjodu dawk is-sustanzi attivi ma jkunux jistgħu jintużaw iktar bl-effett li jkunu pprojbiti fil-kategorija "Pestiċida" u għalhekk għandhom jiżdiedu mal-lista ta' kimiki li hemm fil-Partijiet 1 u 2 fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(8) Ġie deċiż li tkun inkluża s-sustanza tal-parakwat bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/112/KE tal-1 ta' Diċembru 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex ikun inkluż il-parakwat bħala sustanza attiva ([2]). Madankollu, id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/112/KE kienet annullata permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza tal-Komunitajiet Ewropej fil-kawża T-229/04 tal-11 ta' Lulju 2007 ([3]), bl-effett li din is-sustanza attiva hi pprojbita għall-użu bħala pestiċida u għaldaqstant għandha tiżdied mal-lista ta' kimiki li hemm fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008,

(9) Ġie deċiż li l-użu tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanza tat-tolilfluwanid ikun ristrett taħt ċerti kundizzjonijiet permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/322/KE tal-4 ta' Mejju 2007 li tistipula miżuri ta' ħarsien dwar l-użi ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom it-tolilfluwanid li jwassal għall-kontaminazzjoni tal-ilma għax-xorb ([4]). Barra minn dan, ġie deċiż mill-industrija li din tirtira prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom is-sustanza attiva tat-tolilfluwanid mis-suq sabiex tħares is-saħħa tal-bniedem bl-effett li din is-sustanza attiva hi pprojbita għall-użu fis-sottokategorija tal-pestiċidi fil-grupp ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti. Il-projbizzjoni f'din is-subkategorija titqies restrizzjoni severa fil-kategorija "Pestiċida" u għaldaqstant is-sustanza attiva għandha tiżdied mal-lista ta' kimiki li hemm fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(10) Ġie deċiż li tkun inkluża s-sustanza tad-dijuron bħala sustanza attiva fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE bl-effett li din is-sustanza attiva mhijiex ipprojbita iktar għall-użu fis-subkategorija "Pestiċida" fil-grupp tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti. Konsegwentament is-sustanza attiva għandha titħassar mill-Parti 1 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(11) Tressqet applikazzjoni ġdida għas-sustanzi attivi tal-kadusafos, karbofuran, karbosulfan u ħallossifop-R li jeħtieġ tittieħed deċiżjoni ġdida dwar l-inklużjoni tagħhom fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE u għalhekk il-kimiki għandhom jitħassru mil-lista ta' kimiki li hemm fil-Parti 2 tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Id-deċiżjoni dwar iż-żieda mal-lista tal-kimiki fil-Parti 2 tal-Anness I ma għandhiex tittieħed qabel ma tkun disponibbli d-deċiżjoni l-ġdida li tkun ittieħdet dwar l-istatus tas-sustanzi fl-ambitu tad-Direttiva 91/414/KEE.

(12) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandu għaldaqstant jiġi emendat kif xieraq.

(13) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bis-saħħa tal-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 319, 23.11.2002, p. 3.
([2]) ĠU L 321, 6.12.2003, p. 32.
([3]) ĠU C 199, 25.8.2007, p. 32.
([4]) ĠU L 119, 9.5.2007, p. 49.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Jannar 2010.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Il-President

ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 689/2008 qed jiġi emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Kimika	Nru CAS	Nru Einecs	NM	Subkategorija*	Limitazzjoni fl-użu**	Pajjiżi li għalihom l-ebda notifika ma hija meħtieġa
"1,3-dikloropropan ([2])	542-75-6	208-826-5	2903 29 00	p(1)	b	
Benfurakarb	82560-54-1		2932 99 00	p(1)	b	
Fenarimol +	60168-88-9	262-095-7	2933 59 95	p(1)	b	
Metamidofos ([3]) +	10265-92-6	233-606-0	2930 50 00	p(1)	b	
Metomil	16752-77-5	240-815-0	2930 90 85	p(1)-p(2)	b–b	
Parakwat +	4685-14-7	225-141-7	2933 39 99	p(1)	b	
Proċmidon +	32809-16-8	251-233-1	2925 19 95	p(1)	b	
Tolilfluwanid +	731-27-1	211-986-9	2930 90 85	p(1)	b	
Trifluralin	1582-09-8	216-428-8	2921 43 00	p(1)	b"	

([2]) Din l-entrata ma taffettwax l-entrata eżistenti għal cis-1,3-dikloropropan (Nru CAS. 10061-01-5)
([3]) Din l-entrata ma taffettwax l-entrata eżistenti għal formulazzjonijiet likwidi solubbli tal-metamidofos li jaqbżu s-600 g ta' ingredjent attiv kull litru

(b) l-entrata li ġejja titħassar:

Kimika	Nru CAS	Nru Einecs	NM	Subkategorija*	Limitazzjoni fl-użu**	Pajjiżi li għalihom l-ebda notifika ma hija meħtieġa
"Djuron	330-54-1	006-015-00	2924 21 90	p(1)	b"	

(2) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

Kimika	Nru CAS	Nru Einecs	NM	Kategorija*	Limitazzjoni fl-użu**
"Azinphos-methyl	86-50-0	201-676-1	2933 99 80	p	b
Diażinon	333-41-5	206-373-8	2933 59 10	p	sr
Diklorvos	62-73-7	200-547-7	2919 90 00	p	sr
Fenarimol	60168-88-9	262-095-7	2933 59 95	p	b
Fenitrotijon	122-14-5	204-524-2	2920 19 00	p	sr
Metamidofos (1)	10265-92-6	233-606-0	2930 50 00	p	b
Parakwat	1910-42-5	217-615-7	2933 39 99	p	b
Proċmidon	32809-16-8	251-233-1	2925 19 95	p	b
Tolilfluwanid	731-27-1	211-986-9	2930 90 85	p	sr
Vinkložolin	50471-44-8	256-599-6	2934 99 90	p	b"

(1) Din l-entrata ma taffettwax l-entrata fl-Anness I Parti 3 għal formulazzjonijiet likwidi solubbli tal-metamidofos li jaqbżu s-600 g ta' ingredjent attiv kull litru

(b) l-entrati li ġejjin jitħassru:

Kimika	Nru CAS	Nru Einecs	NM	Kategorija*	Limitazzjoni fl-użu**
"Kadusafos	95465-99-9	n.a.	2930 90 85	p	b
Karbofuran	1563-66-2	216-353-0	2932 99 85	p	b
Karbosulfan	55285-14-8	259-565-9	2932 99 85	p	b
Ħalossifop-R (Ħalossifop-P-metil ester)	95977-29-0 (72619-32-0)	n.a. (406-250-0)	2933 39 99 (2933 39 99)	p	b"